

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/678

tad-29 ta' April 2016

**skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar prodott magħmul mill-inwar innixxef tal-ispika mqiegħed ġo kuxxinett imqiegħed fis-suq biex ikeċċi l-baħrijiet**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Mejju 2015, il-Ġermanja talbet lill-Kummissjoni tiddeċiedi, skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, jekk prodott magħmul mill-inwar innixxef tal-ispika mqiegħed ġo kuxxinett imqiegħed fis-suq biex ikeċċi l-baħrijiet hux prodott bijoċidali jew oġġett trattat għall-fini tal-Artikolu 3(1)(a) jew (1) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Skont gwida maqbula tal-Unjoni <sup>(2)</sup>, organiżmi sħaħ ħajjin jew mejtin u mhux proċessati (pereżempju il-ħmira, batterja lijoofilizzata) jew partijiet minnhom (pereżempju partijiet tal-ġisem, demm, friegħi, weraq, ward, eċċ.) ma jitqiesux bħala sustanza, taħlitiet jew oġġetti fit-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>. Għaldaqstant, l-inwar innixxef tal-ispika ma għandux jitqies bħala sustanza, taħlita jew oġġett fit-tifsira ta' dak ir-Regolament u għaldaqstant ma għandux jitqies bħala prodott bijoċidali jew bħala oġġett trattat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012.
- (3) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

Prodott magħmul mill-inwar innixxef tal-ispika f'kuxxinett la huwa prodott bijoċidali u lanqas oġġett trattat għall-fini tal-Artikolu 3(1)(a) u (1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

<sup>(1)</sup> ĠUL 167, 27.6.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> Gwida għall-Anness V Eżenzjonijiet mill-obbligu ta' reġistrazzjoni (paġna 21), disponibbli minn [http://echa.europa.eu/documents/10162/13632/annex\\_v\\_en.pdf](http://echa.europa.eu/documents/10162/13632/annex_v_en.pdf)

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jstabilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠUL 396, 30.12.2006, p. 1).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' April 2016.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

---